

Brussell, 6 ta' Awwissu 2020  
(OR. en)

10094/20

PUBLIC 58  
INF 149

## NOTA

---

Suġġett: SOMMARJU TA' KULL XAHAR TAL-ATTI TAL-KUNSILL - LULJU 2020

---

Dan id-dokument jelenka l-atti<sup>1</sup> adottati mill-Kunsill f'Lulju 2020<sup>2,3</sup>.

Huwa jipprovdi informazzjoni dwar l-adozzjoni ta' atti leġiżlattivi u mhux leġiżlattivi, inkluż:

- id-data tal-adozzjoni,
- is-sessjoni rilevanti tal-Kunsill,
- in-numru tad-dokument adottat,
- ir-referenza tal-Ġurnal Uffiċjali,
- referenza għall-minuti tas-sessjoni tal-Kunsill meta l-att ikun ġie adottat.

---

<sup>1</sup> Għal referenza faċli, it-"titoli qosra" kif imsemmija fl-aġendi tal-Kunsill huma indikati wkoll (ara bil-korsiv).

<sup>2</sup> Bl-eċċezzjoni ta' ċerti atti b'kamp ta' applikazzjoni limitat bħal deċiżjonijiet ta' proċedura, ħatriet, deċiżjonijiet baġitarji speċifiċi, eċċ għajr jekk adottati bi proċedura bil-miktub.

<sup>3</sup> Fil-każ ta' atti leġiżlattivi adottati bil-proċedura leġiżlattiva ordinarja, jista' jkun hemm differenza bejn id-data tal-laqgħa tal-Kunsill meta jkun ġie adottat l-att leġiżlattiv u id-data proprja tal-att inkwistjoni, peress li l-atti leġiżlattivi adottati bil-proċedura leġiżlattiva ordinarja jitqiesu li ġew adottati biss wara l-firma kemm mill-President tal-Kunsill u l-President tal-Parlament Ewropew kif ukoll mis-Segretarji Ġenerali taż-żewġ istituzzjonijiet.

Dan id-dokument huwa disponibbli wkoll fuq is-sit web tal-Kunsill:

[Sommarju ta' kull xahar tal-atti tal-Kunsill \(atti\) - Consilium](#)

Id-dokumenti elenkati fis-sommarju jistgħu jinkisbu mir-reġistru pubbliku tad-dokumenti tal-Kunsill hawnhekk: [Dokumenti u pubblikazzjonijiet - Consilium](#).

Jekk ma jkunux disponibbli direttament, tista' ssir talba għal aċċess għal dokumenti fuq:

<https://www.consilium.europa.eu/mt/documents-publications/public-register/request-document/>

Ta' min wieħed jinnota li dan id-dokument huwa esklużivament għal finijiet ta' informazzjoni - il-minuti tal-Kunsill biss huma awtentiċi. Dawn huma disponibbli fuq is-sit web tal-Kunsill: [Minuti tal-Kunsill - Consilium](#)

---

INFORMAZZJONI DWAR L-ATTI ADOTTATI MILL-KUNSILL F'LULJU 2020	
<b>Proċedura bil-miktub konklużi fl-1 ta' Lulju 2020</b>	<b>CM 2756/20</b>
Aċċess pubbliku għad-dokumenti - Applikazzjoni konfermatorja Nru 15/c/01/20	8752/20
<b>Proċedura bil-miktub konklużi fl-1 ta' Lulju 2020</b>	<b>CM 2881/20</b>
Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar ir-Rapport Speċjali Nru 11/2020 tal-Qorti Ewropea tal-Awdituri intitolat "Effiċjenza fl-enerġija fil-bini: għadu jinħtieġ fokus akbar fuq il-kosteffettività"	9163/20
<b>Proċedura bil-miktub konklużi fl-1 ta' Lulju 2020</b>	<b>CM 2887/20</b>
Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar ir-Rapport 5/2020 tal-QEA dwar l-użu sostenibbli ta' prodotti għall-protezzjoni tal-pjanti: progress limitat fil-kejl u fit-tnaqqis tar-riskji	8497/20

<b>Proċedura bil-miktub konklufa fl-1 ta' Lulju 2020</b>	<b>CM 2892 /20</b>
Semestru Ewropew: rakkomandazzjonijiet integrati speċifiċi għall-pajjiżi - Approvazzjoni u rapport lill-Kunsill Ewropew	8593/1/20 REV1
<b>Dikjarazzjoni mill-Polonja</b>	
<p>Il-Polonja ttenni d-dikjarazzjoni tagħha ppreżentata lis-Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill fir-rigward tal-proċedura bil-miktub CM 2409/20, li hija li ġej:</p> <p>Il-Polonja tixtieq tastjeni milli tivvota dwar l-approvazzjoni tal-kontribut dwar aspetti ekonomiċi/finanzjarji u dawk relatati mal-MIP tal-abbozzi ta' Rakkomandazzjonijiet tal-Kunsill dwar il-Programmi Nazzjonali ta' Riforma 2020 lil kull Stat Membru, li jagħtu l-Opinjoni tal-Kunsill dwar il-Programmi ta' Stabbiltà jew Konverġenza aġġornati.</p> <p>Il-Polonja ma tappoġġax parti mir-rakkomandazzjoni speċifika għall-pajjiż 4 (CSR) fejn il-Kummissjoni tagħti parir sabiex "<i>Ittejjeb il-klima tal-investment, b'mod partikolari billi tissalvagwardja l-indipendenza ġudizzjarja</i>".</p> <p>Fl-opinjoni tagħna ma hemm l-ebda evidenza ta' xi impatt negattiv ta' bidliet fis-sistema ġudizzjarja fuq il-klima ta' investment fil-Polonja.</p> <p>Sa mill-2017, meta l-Kummissjoni ddeċidiet għall-ewwel darba li tallinja ċ-ċertezza legali, il-fiduċja fil-kwalità u l-prevedibbiltà ta' regolamentazzjoni mal-klima ta' investment, il-Polonja rreġistrat żieda kostanti kemm fl-investment pubbliku kif ukoll dak privat (madwar 22 fil-mija għal dawn l-aħħar tliet snin).</p> <p>Il-Polonja introduċiet ħafna bidliet favorevoli importanti għall-investment u l-ambjent tan-negozju. It-titjib fil-prestazzjoni tal-investment ġie kkonfermat ukoll mill-Kummissjoni fir-Rapport tal-Pajjiż tal-2020 għall-Polonja iżda minkejja dan il-Kummissjoni ddeċidiet li ssaħħa din il-kwistjoni fis-CSR4.</p> <p>Barra minn hekk, kif iddikjarat fil-premessa 25, uħud mill-proċedimenti tal-QĠUE huma pendent flimkien ma' dibattitu dwar l-ambitu tal-awtorità tal-QĠUE fuq kwistjonijiet li jappartjenu għall-ambitu ta' kompetenza tal-Istati Membri, jiġifieri l-organizzazzjoni tal-ġudikatura. S'issa, il-Polonja tikkonforma mal-linji gwida tal-QĠUE, għalhekk ma narawx raġuni biex nissottolinjaw il-ħtieġa li tiġi ssalvagwardjata ulterjorment l-indipendenza tal-ġudikatura.</p> <p>Nixtiequ nenfasizzaw l-importanza tas-Semestru Ewropew bħala qafas għal koordinazzjoni msaħħa tal-politika ekonomika fl-Ewropa. Dan il-proċess ekonomiku għandu jkun ibbażat fuq il-fatti u ċ-ċifri. Inkella jista' jkollna dikjarazzjonijiet u rakkomandazzjonijiet mingħajr ebda bażi ekonomika u minflok ma nsaħħu din l-għodda importanti ta' koordinazzjoni nkunu qed indgħajfu l-effikaċja tagħha. Aħna enfazzzajna wkoll li s-Semestru Ewropew ma għandux jidduplika proċeduri oħra tal-UE.</p>	

<b>Proċedura bil-miktub konkluża fl-1 ta' Lulju 2020</b>	<b>CM 2744/20</b>
Aċċess pubbliku għad-dokumenti - Applikazzjoni konfermatorja Nru 08/c/01/20	8689/20
<b>Dikjarazzjonijiet mill-Irlanda, il-Finlandja, il-Latvja, l-Italja, in-Netherlands, l-Estonja, l-Iżvezja, id-Danimarka, il-Litwanja</b>	
<p><b>Dikjarazzjoni mill-Irlanda</b> L-Irlanda ma taqbilx mal-abbozz ta' tveġiba għall-Applikazzjoni konfermatorja 08/c/01/20 "WKs mill-Grupp ta' Ħidma dwar id-Dritt tal-Kumpanniji". L-Irlanda tfakkar li l-prinċipju tat-trasparenza huwa partikolarment urġenti fir-rigward ta' proċessi ta' teħid ta' deċiżjonijiet ta' natura leġislattiva u temmen li r-rilaxx tad-dokumenti speċifiċi msemija f'din l-applikazzjoni konfermatorja mhux ser iddgħajjef il-proċess ta' teħid ta' deċiżjonijiet.</p> <p><b>Dikjarazzjoni mill-Finlandja</b> Il-Finlandja ma tistax taqbel mal-interpretazzjoni tar-Regolament 1049/2001 imsemmija fl-abbozz ta' tveġiba, speċjalment fid-dawl tal-kawża Turco (C-39/05 u C-52/05) u l-kawża De Capitani (T-540/15) u meta titqies l-importanza tat-trasparenza fil-proċeduri leġislattivi enfasizzata fit-Trattat ta' Lisbona.</p> <p><b>Dikjarazzjoni mill-Latvja</b> Il-Latvja tqis li, b'kont meħud taċ-ċirkostanzi speċifiċi u l-kuntest ta' dan il-każ, jista' jingħata l-aċċess għall-erba' dokumenti mitluba. Dan huwa konformi mal-pożizzjoni inizjalment iddikjarata tagħha. Kull sitwazzjoni ser tiġi vvalutata fuq il-merti tagħha stess.</p> <p><b>Dikjarazzjoni mill-Italja</b> Nikkonfermaw il-konsistenza tagħna mal-pożizzjoni inizjali proposta mill-Kunsill. Tabilħaqq, it-trasparenza għandha tingħata permezz tad-disponibbiltà ta' dokumenti u diskussjonijiet tal-UE, speċjalment għal dawk in-negozjati li mhumex konklużivi u ma hija prevista l-ebda konklużjoni fuq perijodu qasir ta' żmien.</p> <p><b>Dikjarazzjoni min-Netherlands</b> In-Netherlands ma jistgħux jaqblu mal-abbozz ta' tveġiba għall-applikazzjoni konfermatorja 08/c/01/20. In-Netherlands jenfasizzaw l-importanza tal-aċċess għad-dokumenti u t-trasparenza biex tittejjeb il-leġittimità tal-UE. Dan huwa partikolarment importanti fir-rigward tat-trasparenza għal dokumenti relatati mal-proċeduri leġislattivi. In-Netherlands huma tal-opinjoni li t-tveġiba ma tilħaqx bilanċ tajjeb bejn il-prinċipju ta' aċċess pubbliku għal dokumenti leġislattivi u l-protezzjoni tal-proċess ta' teħid ta' deċiżjonijiet tal-Kunsill.</p>	

<p><b>Dikjarazzjoni mill-Estonja</b> L-Estonja hija tal-opinjoni li r-rilaxx tad-dokumenti ma jimminax il-proċess tat-teħid ta' deċiżjonijiet peress li l-argumenti fl-abbozz ta' tweġiba mhumiex ġustifikati u għalhekk ma jegħlbox l-prinċipju tat-trasparenza. Aħna nemmnu li l-pubblikazzjoni tad-dokumenti rilevanti kollha tkun ta' vantaġġ għall-konklużjoni xierqa tan-negozjati ta' dan l-att leġislativ kontenzjuż.</p> <p><b>Dikjarazzjoni mill-Iżvezja</b> L-Iżvezja ma tistax taqbel mal-abbozz ta' tweġiba. Filwaqt li tqis iċ-ċirkostanzi speċifiċi f'dan il-każ/din il-kwistjoni u l-ġurisprudenza stabbilita tal-Qorti (jiġifieri De Capitani, punt 78 u 99), l-Iżvezja tqis li m'hemmx raġuni biżżejjed għaliex l-iżvelar ta' dawn id-dokumenti speċifikament u attwalment idgħajjed il-proċess ta' teħid ta' deċiżjonijiet li għaddej u għaliex ir-riskju li jiddgħajfu dawn l-interessi huwa raġonevoli u prevedibbli u mhuwiex purament ipotetiku.</p> <p><b>Dikjarazzjoni mid-Danimarka</b> Id-Danimarka ma tistax taqbel mal-abbozz ta' tweġiba għall-applikazzjoni konfermatorja 08/c/01/20. Id-Danimarka tenfasizza l-importanza tal-aċċess għad-dokumenti u t-trasparenza biex tittejjeb il-leġittimità tal-UE. Dan huwa partikolarment importanti fir-rigward tat-trasparenza għal dokumenti relatati mal-proċeduri leġislativi. Id-Danimarka hija tal-opinjoni li t-tweġiba ma tilħaqx bilanċ tajjeb bejn il-prinċipju ta' aċċess pubbliku għal dokumenti leġislativi u l-protezzjoni tal-proċess ta' teħid ta' deċiżjonijiet tal-Kunsill.</p> <p><b>Dikjarazzjoni mil-Litwanja</b> Il-Litwanja ma tistax taqbel mal-abbozz ta' tweġiba għall-Applikazzjoni konfermatorja 08/c/01/20 “WKs mill-Grupp ta' Ħidma dwar id-Dritt tal-Kumpanniji”, kif jinsab fid-dokument 8689/20. Il-Litwanja tqis li l-interpretazzjoni tar-Regolament 1049/2001 u l-ġurisprudenza rilevanti tal-QĠUE tippermetti li f'dan il-każ speċifiku jingħata aċċess għad-dokumenti mitluba.</p>	
<p><b>Proċedura bil-miktub konklużi fit-3 ta' Lulju 2020</b></p>	<p><b>CM 2909/20</b></p>
<p><i>Deċiżjoni tal-Kunsill li taħtar membri tal-Kumitat Xjentifiku u Tekniku</i> Deċiżjoni tal-Kunsill tat-3 ta' Lulju 2020 li taħtar membri tal-Kumitat Xjentifiku u Tekniku 2020/C 223/01 <a href="#">ĠU C 223I, 7.7.2020, p. 1–2</a></p>	<p>8754/20</p>

<b>Proċedura bil-miktub konklużi fit-3 ta' Lulju 2020</b>	<b>CM 2922/20</b>
<p><i>Deċiżjoni tal-Kunsill li testendi aktar id-deroga temporanja mir-Regoli ta' Proċedura tal-Kunsill introdotta bid-Deċiżjoni (UE) 2020/430, u estiża bid-Deċiżjonijiet (UE) 2020/556 u (UE) 2020/702, fid-dawl tad-diffikultajiet ta' vvjaġġar ikkawżati mill-pandemija tal-COVID-19 fl-Unjoni</i></p> <p>Deċiżjoni tal-Kunsill (UE) 2020/970 tat-3 ta' Lulju 2020 li testendi aktar id-deroga temporanja mir-Regoli ta' Proċedura tal-Kunsill introdotta bid-Deċiżjoni (UE) 2020/430, u estiża bid-Deċiżjonijiet (UE) 2020/556 u (UE) 2020/702, fid-dawl tad-diffikultajiet ta' vvjaġġar ikkawżati mill-pandemija tal-COVID-19 fl-Unjoni</p> <p><a href="#">ĠU L 216, 7.7.2020, p. 1–2</a></p>	9083/20
<b>Proċedura bil-miktub konklużi fis-6 ta' Lulju 2020</b>	<b>CM 2894/20</b>
<p><i>Deċiżjoni tal-Kunsill dwar il-kontribuzzjonijiet finanzjarji li jridu jitħallsu mill-Istati Membri għall-finanzjament tal-Fond Ewropew għall-Iżvilupp, inkluż it-tieni ħlas parzjali għall-2020</i></p> <p>Deċiżjoni tal-Kunsill (UE) 2020/976 tas-6 ta' Lulju 2020 dwar il-kontribuzzjonijiet finanzjarji li jridu jitħallsu mill-Istati Membri għall-finanzjament tal-Fond Ewropew għall-Iżvilupp, inkluż it-tieni ħlas parzjali għall-2020</p> <p><a href="#">ĠU L 215, 7.7.2020, p. 17-20</a></p>	8958/20
<b>Proċedura bil-miktub konklużi fis-7 ta' Lulju 2020</b>	<b>CM 2934/20</b>
<p><i>Deċiżjoni tal-Kunsill dwar il-konklużjoni tal-Protokoll dwar l-implimentazzjoni tal-Ftehim ta' Sħubija dwar is-Sajd bejn il-Komunità Ewropea u r-Repubblika tal-Guinea-Bissau (2019–2024)</i></p> <p>Deċiżjoni tal-Kunsill (UE) 2020/984 tas-7 ta' Lulju 2020 dwar il-konklużjoni tal-Protokoll dwar l-implimentazzjoni tal-Ftehim ta' Sħubija dwar is-Sajd bejn il-Komunità Ewropea u r-Repubblika tal-Guinea-Bissau (2019–2024)</p> <p><a href="#">ĠU L 222, 10.7.2020, p. 4-6</a></p>	8928/19

<b>Proċedura bil-miktub konklużi fis-7 ta' Lulju 2020</b>	<b>CM 2935/20</b>
<i>Deċiżjoni tal-Kunsill dwar il-konklużjoni tal-Protokoll dwar l-implimentazzjoni tal-Ftehim ta' Sħubija fis-settur tas-sajd bejn il-Komunità Ewropea u r-Repubblika ta' Cape Verde (2019-2024)</i> Deċiżjoni tal-Kunsill (UE) 2020/983 tas-7 ta' Lulju 2020 dwar il-konklużjoni tal-Protokoll dwar l-implimentazzjoni tal-Ftehim ta' Sħubija fis-settur tas-sajd bejn il-Komunità Ewropea u r-Repubblika ta' Cape Verde (2019-2024) <a href="#">ĠU L 222, 10.7.2020, p. 1-3</a>	8662/1/19 REV1
<b>Proċedura bil-miktub konklużi fis-7 ta' Lulju 2020</b>	<b>CM 2936/20</b>
Deċiżjoni tal-Kunsill li tawtorizza l-ftuħ tan-negozjati fisem l-Unjoni Ewropea għall-konklużjoni ta' protokoll tal-Ftehim ta' Sħubija dwar is-Sajd Sostenibbli mal-Gvern tal-Gżejjer Cook	8848/20 + ADD1
<b>Proċedura bil-miktub konklużi fis-7 ta' Lulju 2020</b>	<b>CM 2937/20</b>
<i>Deċiżjoni tal-Kunsill dwar il-konklużjoni tal-Protokoll dwar l-implimentazzjoni tal-Ftehim ta' Sħubija fis-Settur tas-Sajd bejn ir-Repubblika Demokratika ta' São Tomé u Príncipe u l-Komunità Ewropea</i> Deċiżjoni tal-Kunsill (UE) 2020/985 tas-7 ta' Lulju 2020 dwar il-konklużjoni tal-Protokoll dwar l-implimentazzjoni tal-Ftehim ta' Sħubija fis-Settur tas-Sajd bejn ir-Repubblika Demokratika ta' São Tomé u Príncipe u l-Komunità Ewropea <a href="#">ĠU L 222, 10.7.2020, p. 7-9</a>	12199/19
<b>Proċedura bil-miktub konklużi fis-7 ta' Lulju 2020</b>	<b>CM 2940/20</b>
<i>Deċiżjoni tal-Kunsill b'appoġġ għall-iżvilupp ta' sistema rikonoxxuta internazzjonalment għall-validazzjoni tal-ġestjoni tal-armi u l-munizzjon skont standards internazzjonali miftuħa</i> Deċiżjoni tal-Kunsill (PESK) 2020/979 tas-7 ta' Lulju 2020 b'appoġġ għall-iżvilupp ta' sistema rikonoxxuta internazzjonalment għall-validazzjoni tal-ġestjoni tal-armi u l-munizzjon skont standards internazzjonali miftuħa <a href="#">ĠU L 218, 8.7.2020, p. 1-9</a>	8762/20



<b>Proċedura bil-miktub konklufa fid-9 ta' Lulju 2020</b>	<b>CM 3017/20</b>
<p><i>Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill li temenda d-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni (UE) 2018/1696 dwar ir-regoli ta' ħidma tal-bord tal-għażla previsti fl-Artikolu 14(3) tar-Regolament tal-Kunsill (UE) 2017/1939</i></p> <p>Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill (UE) 2020/1008 tad-9 ta' Lulju 2020 li temenda d-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni (UE) 2018/1696 dwar ir-regoli ta' ħidma tal-bord tal-għażla previsti fl-Artikolu 14(3) tar-Regolament (UE) 2017/1939</p> <p><a href="#">ĠU L 221I, 10.7.2020, p. 1–2</a></p>	9229/20
<b>Proċedura bil-miktub konklufa fl-10 ta' Lulju 2020</b>	<b>CM 3051/20</b>
Deċiżjoni tal-Kunsill li tissostitwixxi membru supplenti tal-Bord tat-Tmexxija tal-Aġenzija Ewropea għas-Sigurtà u s-Saħħa fuq il-Post tax-Xogħol (EU-OSHA), għall-Iżvezja	9153/20
<b>It-3765 laqgħa tal-Kunsill tal-Unjoni Ewropea (Affarijiet Barranin) li saret fi Brussell fit-13 ta' Lulju 2020 (Minuti: 9649/20)</b>	
ATTI MHUX LEĠIŻLATIVI	
ATT	DOKUMENT
<p><i>Deċiżjoni tal-Kunsill dwar il-konklużjoni tal-Ftehim dwar l-Artikolu XXVIII tal-GATT mal-Iżvizzera fir-rigward ta' laħam imħawwar</i></p> <p>Deċiżjoni tal-Kunsill (UE) 2020/1067 tat-13 ta' Lulju 2020 dwar il-konklużjoni tal-Ftehim fil-forma ta' Skambju ta' Ittri bejn l-Unjoni Ewropea u l-Konfederazzjoni Żvizzera fil-kuntest ta' negozjati skont l-Artikolu XXVIII tal-GATT tal-1994 dwar il-modifika tal-konċessjonijiet tad-WTO lill-Iżvizzera fir-rigward ta' laħam imħawwar</p> <p><a href="#">ĠU L 233, 21.7.2020, p. 1–2</a></p>	12482/19 + COR 1
<p><i>Ftehim fil-forma ta' Skambju ta' Ittri bejn l-Unjoni Ewropea u l-Konfederazzjoni Żvizzera fil-kuntest ta' negozjati skont l-Artikolu XXVIII tal-GATT tal-1994 dwar il-modifika tal-konċessjonijiet tad-WTO lill-Iżvizzera fir-rigward ta' laħam imħawwar</i></p> <p>Ftehim fil-forma ta' Skambju ta' Ittri bejn l-Unjoni Ewropea u l-Konfederazzjoni Żvizzera fil-kuntest ta' negozjati skont l-Artikolu XXVIII tal-GATT tal-1994 dwar il-modifika tal-konċessjonijiet tad-WTO lill-Iżvizzera fir-rigward ta' laħam imħawwar</p> <p><a href="#">ĠU L 233, 21.7.2020, p. 3–6</a> (BG, ES, CS, DA, DE, ET, EL, EN, FR, HR, IT, LV, LT, HU, MT, NL, PL, PT, RO, SK, SL, FI, SV)</p> <p><a href="#">ĠU L 233, 21.7.2020, p. 3–3</a> (GA)</p>	12483/19 + COR 1

<p><i>Deċiżjoni tal-Kunsill li temenda d-Deċiżjoni (PESK) 2020/251 tal-25 ta' Frar 2020 li testendi l-mandat tar-Rappreżentant Speċjali tal-Unjoni Ewropea għall-Qarn tal-Afrika</i></p> <p>Deċiżjoni tal-Kunsill (PESK) 2020/1014 tat-13 ta' Lulju 2020 li temenda d-Deċiżjoni (PESK) 2018/905 li testendi l-mandat tar-Rappreżentant Speċjali tal-Unjoni Ewropea għall-Qarn tal-Afrika</p> <p><a href="#">ĠU L 225I, 14.7.2020, p. 1-2</a></p>	8564/20
<p><i>Konklużjonijiet dwar il-prijoritajiet tal-UE fin-NU u fl-AĠNU75</i></p> <p>Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar il-prijoritajiet tal-UE fin-Nazzjonijiet Uniti u l-75 Assemblea Ġenerali tan-Nazzjonijiet Uniti, Settembru 2020 - Settembru 2021</p>	9314/20
<p><i>Konklużjonijiet dwar il-prijoritajiet tal-UE għall-kooperazzjoni mal-Kunsill tal-Ewropa fl-2020-2022</i></p> <p>Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar il-prijoritajiet tal-UE għall-kooperazzjoni mal-Kunsill tal-Ewropa 2020-2022</p>	9177/20
<b>Proċedura bil-miktub konklużi fl-14 ta' Lulju 2020</b>	<b>CM 3045/20</b>
<p><i>Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jemenda r-Regolament (UE) Nru 1303/2013 fir-rigward tar-riżorsi għall-allokkazzjoni speċifika għall-Inizjattiva favur l-Impjieġ taż-Żgħażaġħ</i></p> <p>Regolament (UE) 2020/852 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-18 ta' Ġunju 2020 dwar l-istabbiliment ta' qafas biex jiġi ffaċilitat l-investiment sostenibbli, u li jemenda r-Regolament (UE) 2019/2088 (Test b'relevanza għaż-ŻEE)</p> <p><a href="#">ĠU L 198, 22.6.2020, p. 13-43</a></p>	PE 22/20
<b>Proċedura bil-miktub konklużi fl-14 ta' Lulju 2020</b>	<b>CM 3046/20</b>
<p><i>Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jistabbilixxi miżuri temporanji dwar il-limiti ta' żmien għall-istadji tal-ġbir, tal-verifika u tal-eżami previsti fir-Regolament (UE) 2019/788 dwar l-inizjattiva taċ-ċittadini Ewropej fid-dawl tat-tifqigħa tal-COVID-19</i></p> <p>Regolament (UE) 2020/1042 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-15 ta' Lulju 2020 li jistabbilixxi miżuri temporanji dwar il-limiti ta' żmien għall-istadji tal-ġbir, tal-verifika u tal-eżami previsti fir-Regolament (UE) 2019/788 dwar l-inizjattiva taċ-ċittadini Ewropej fid-dawl tat-tifqigħa tal-COVID-19</p> <p><a href="#">ĠU L 231, 17.7.2020, p. 7-11</a></p>	PE 23/1/20 REV 1

<b>Dikjarazzjoni mir-Rumanija</b>	
<p>Ir-Rumanija tifhem l-intenzjoni tal-Kummissjoni Ewropea li tippreserva l-effikaċja tal-istrument ta' inizjattiva taċ-ċittadini Ewropej matul din il-pandemija u biex tiġi pprovduta riassigurazzjoni u ċarezza legali lill-organizzaturi ta' inizjattivi li l-ġbir, il-verifika jew l-eżami tagħhom għadhom għaddejjin.</p> <p>Ir-Rumanija tqis li f'din is-sitwazzjoni diffiċli hemm bżonn li jkun hemm politika ċara u soda li tapplika għall-Inizjattiva taċ-Ċittadini Ewropej, sabiex jiġi ppreservat il-karattru importanti tagħha ta' demokrazija parteċipattiva u jiġi żgurat li l-vuċi taċ-ċittadini Ewropej tkun tista' tinstema'.</p> <p>Ir-Rumanija mhijiex ser topponi, fl-ispirtu ta' kompromess, il-proposta tal-Kummissjoni Ewropea, iżda tikkunsidra li xi wħud mid-dispożizzjonijiet ma jipprovdux ċarezza legali u trattament ugwali għall-IĊE. Ir-Rumanija tqis li l-punt l-aktar problematiku huwa l-applikazzjoni tad-dispożizzjonijiet li jestendu l-perijodu ta' ġbir, li mhuwiex ċar u li jista' jwassal għal diskriminazzjoni bejn l-IĊE, speċjalment fil-każ ta' dawk li ffinalizzaw il-perijodu ta' ġbir tagħhom bejn il-11 ta' Marzu u l-11 ta' Settembru. Peress li t-test legali jipprovdi l-istess estensjoni għall-ġbir ta' firem mingħajr ma din tiġi adattata fuq bażi ta' każ b'każ, skont iż-żmien li jkun għadda f'kull każ, tali approċċ ser jirriżulta fi trattament mhux ugwali bejn dawn l-IĊE.</p> <p>Il-pożizzjoni tar-Rumanija hija li, anki f'ċirkostanzi eċċezzjonali, att legali jeħtieġ li jkun legalment sod u jiżgura trattament ġust u ugwali lil dawk kollha li jintlaqtu minnu.</p>	
<b>Proċedura bil-miktub konklufa fl-14 ta' Lulju 2020</b>	<b>CM 3070/20</b>
<p><i>Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jemenda r-Regolament (UE) 2016/1628 fir-rigward tad-dispożizzjonijiet tranżitorji tiegħu biex jiġi indirizzat l-impatt tal-kriżi tal-COVID-19</i></p> <p>Regolament (UE) 2020/1040 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-15 ta' Lulju 2020 li jemenda r-Regolament (UE) 2016/1628 fir-rigward tad-dispożizzjonijiet tranżitorji tiegħu biex jiġi indirizzat l-impatt tal-kriżi tal-COVID-19 (Test b'rilevanza għaż-ŻEE)</p> <p><a href="#">ĠU L 231, 17.7.2020, p. 1-3</a></p>	<p>PE 21/1/20 REV 1</p>

<b>Proċedura bil-miktub konklużi fl-14 ta' Lulju 2020</b>	<b>CM 3072/20</b>
<p><i>Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar it-tweġġ ta' provi kliniċi ta' prodotti mediċinali għall-użu mill-bniedem li fihom jew li jikkonsistu f'organiżmi ġenetikament modifikati maħsuba biex jittrattaw jew jipprevjenu l-marda tal-coronavirus (COVID-19) u l-provvista ta' dawn il-prodotti</i></p> <p>Regolament (UE) 2020/1043 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-15 ta' Lulju 2020 dwar it-tweġġ ta' provi kliniċi ta' prodotti mediċinali għall-użu mill-bniedem li fihom jew li jikkonsistu f'organiżmi ġenetikament modifikati maħsuba biex jittrattaw jew jipprevjenu l-marda tal-coronavirus (COVID-19) u l-provvista ta' dawn il-prodotti</p> <p><a href="#">ĠU L 231, 17.7.2020, p. 12-16</a></p>	<p>PE 28/1/20 REV1</p>

<b>Dikjarazzjoni min-Netherlands</b>	
<p>In-Netherlands iħossu sens qawwi ta' urġenza biex jitħaffef l-iżvilupp ta' vaċċin jew trattament kontra l-COVID-19. Il-faċilitazzjoni kemm jista' jkun ta' dan il-proċess hija prijorità ewlenija għan-Netherlands. Huwa preċiżament għalhekk li l-Ġermanja, Franza, l-Italja u n-Netherlands stabbilixxew l-Alleanza Inklużiva tal-Vaċċini u laqgħu l-Istrateġija tal-UE għat-Tilqim. In-Netherlands japprezzaw il-proposta <b>1</b> tal-Kummissjoni biex jitħaffu l-proċeduri eżistenti għal provi kliniċi b'OĠM biex jiġi ffaċilitat l-iżvilupp aktar rapidu ta' vaċċin jew kura għall-COVID-19.</p> <p>Madankollu, il-Kummissjoni tan-Netherlands dwar il-Modifikazzjoni Ġenetika <b>2</b> tindika tħassib serju dwar il-proposta peress li tippermetti deroga mir-rekwiżiti għal valutazzjoni tar-riskju ambjentali (ERA) għal provi kliniċi b'OĠM, inkluż provi kliniċi b'OĠM mhux magħrufa u riskji mhux magħrufa. Barra minn hekk, in-nuqqas ta' ERA jqajjem mistoqsijiet dwar l-obbligi u r-responsabbiltà, f'każ ta' inċident b'effetti negattivi.</p> <p>Għalkemm in-Netherlands jappoġġaw proċeduri aktar rapidi u aktar armonizzati fl-UE rigward provi kliniċi li jinvolvu l-OĠM, in-Netherlands jikkondividu t-tħassib tal-Kummissjoni tagħhom dwar il-Modifikazzjoni Ġenetika fir-rigward tal-iżgurar tas-sikurezza għas-saħħa tal-bniedem u l-ambjent. Approċċ li jissimplifika u jqassar il-proċeduri għal ERA, flok deroga ġenerika, ikun ippreferut. Madankollu, l-emendar ta' din il-proposta b'tali mod idewwem b'mod sinifikanti l-adozzjoni tagħha. Fid-dawl tal-pandemija attwali u bla preċedent u l-ħtieġa urġenti għal vaċċin jew medċina, bħalissa ma hemmx lok għal tali dewmien.</p> <p>In-Netherlands iħeġġu lill-isponsors tal-provi kliniċi, lill-Istati Membri u lill-Kummissjoni Ewropea biex jieħdu responsabbiltà sħiħa biex jikkunsidraw b'mod serju u jipprevjenu l-impatti negattivi kollha possibbli tal-OĠM għas-saħħa tal-bniedem jew għall-ambjent, meta jwettqu provi kliniċi b'OĠM jew jamministraw prodotti medċinali qabel ma tingħata awtorizzazzjoni ta' kummerċjalizzazzjoni.</p> <p>Jekk ikun hemm impatti negattivi mhux previsti, in-Netherlands iħeġġu lil dawk kollha involuti biex jieħdu kull miżura xierqa biex jipprevjenu eskalazzjoni ulterjuri u jinnotifikaw immedjatament lill-awtoritajiet nazzjonali u lill-Kummissjoni Ewropea, sabiex ikunu jistgħu jsiru sforzi koordinati biex jiġu minimizzati r-riskji ġodda identifikati.</p>	
<b>Proċedura bil-miktub konklużi fis-16 ta' Lulju 2020</b>	<b>CM 3084/20</b>
<p><i>Rakkomandazzjoni tal-Kunsill li temenda r-Rakkomandazzjoni tal-Kunsill (UE) 2020/912 dwar ir-restrizzjoni temporanja fuq vjaġġar mhux essenzjali lejn l-UE u t-tneħħija possibbli ta' tali restrizzjoni</i></p> <p>Rakkomandazzjoni tal-Kunsill (UE) 2020/1052 tas-16 ta' Lulju 2020 li temenda r-Rakkomandazzjoni tal-Kunsill (UE) 2020/912 dwar ir-restrizzjoni temporanja fuq vjaġġar mhux essenzjali lejn l-UE u t-tneħħija possibbli ta' tali restrizzjoni</p> <p><a href="#">ĠU L 230, 17.7.2020, p. 26-28</a></p>	9596/20

<b>Proċedura bil-miktub konklużi fis-16 ta' Lulju 2020</b>	<b>CM 3123/20</b>
Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill li tagħti rakkomandazzjoni dwar l-indirizzar tan-nuqqasijiet identifikati fl-evalwazzjoni tal-2019 tal-Ungerija dwar l-applikazzjoni tal-acquis ta' Schengen fil-qasam tal-ġestjoni tal-fruntieri esterni	9096/20
<b>Proċedura bil-miktub konklużi fis-16 ta' Lulju 2020</b>	<b>CM 3124/20</b>
Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill li tagħti rakkomandazzjoni dwar l-indirizzar tan-nuqqasijiet identifikati fl-evalwazzjoni tal-2019 tal-Ungerija fir-rigward tal-applikazzjoni tal-acquis ta' Schengen fil-qasam tal-politika komuni dwar il-viżi	9098/20
<b>Proċedura bil-miktub konklużi fis-16 ta' Lulju 2020</b>	<b>CM 3125/20</b>
Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill li tagħti rakkomandazzjoni biex jiġu indirizzati n-nuqqasijiet identifikati fl-evalwazzjoni tal-2019 tar-Repubblika tal-Polonja dwar l-applikazzjoni tal-acquis ta' Schengen fil-qasam tal-protezzjoni tal-kooperazzjoni tal-pulizija	9087/20
<b>Proċedura bil-miktub konklużi fis-16 ta' Lulju 2020</b>	<b>CM 3126/20</b>
Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill li tagħti rakkomandazzjoni biex jiġu indirizzati n-nuqqasijiet identifikati fl-evalwazzjoni tal-2019 tal-Polonja dwar l-applikazzjoni tal-acquis ta' Schengen fil-qasam tar-ritorn	9090/20
<b>Proċedura bil-miktub konklużi fis-16 ta' Lulju 2020</b>	<b>CM 3128/20</b>
Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill li tagħti rakkomandazzjoni biex jiġu indirizzati n-nuqqasijiet identifikati fl-evalwazzjoni tal-2019 tas-Slovenja dwar l-applikazzjoni tal-acquis ta' Schengen fil-qasam tar-ritorn	9092/20
<b>Proċedura bil-miktub konklużi fis-16 ta' Lulju 2020</b>	<b>CM 3129/20</b>
Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill li tagħti rakkomandazzjoni biex jiġu indirizzati n-nuqqasijiet identifikati fl-evalwazzjoni tal-2019 tas-Slovenja dwar l-applikazzjoni tal-acquis ta' Schengen fil-qasam tas-Sistema ta' Informazzjoni ta' Schengen	9094/20
<b>Proċedura bil-miktub konklużi fis-16 ta' Lulju 2020</b>	<b>CM 3130/20</b>
Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill li tagħti rakkomandazzjoni dwar l-indirizzar tan-nuqqasijiet identifikati fl-evalwazzjoni tal-2019 tas-Slovenja dwar l-applikazzjoni tal-acquis ta' Schengen fil-qasam tal-ġestjoni tal-fruntieri esterni	9100/20
<b>Proċedura bil-miktub konklużi fis-17 ta' Lulju 2020</b>	<b>CM 3121/20</b>
Trasferiment ta' approprjazzjonijiet Nru DEC 1/2020 fit-Taqsima VII - Kumitat tar-Reġjuni - tal-baġit ġenerali għall-2020	9536/20

<b>Proċedura bil-miktub konklużi fis-17 ta' Lulju 2020</b>	<b>CM 2907/20</b>
Aċċess pubbliku għad-dokumenti - Applikazzjoni konfermatorja Nru 16/c/02/20	8809/20
<b>Dikjarazzjoni min-Netherlands</b> In-Netherlands jaqblu mar-raġunament fl-abbozz ta' tweġiba li l-iżvelar tad-dokument mitlub idgħajjef il-protezzjoni tal-interess pubbliku fir-rigward tar-relazzjonijiet internazzjonali, b'mod partikolari meta jitqiesu n-negozjati internazzjonali li għadhom għaddejjin. Madankollu, fuq nota iktar ġenerali, in-Netherlands huma tal-opinjoni li mhux iġġustifikat biżżejjed għalfejn hemm riskju raġonevolment prevedibbli u mhux purament ipotetiku li l-iżvelar tad-dokument miktub jdgħajjef ukoll negozjati internazzjonali futuri.	
<b>It-3766 laqgħa tal-Kunsill tal-Unjoni Ewropea (Agrikoltura u Sajd) li saret Brussell fl-20 ta' Lulju 2020 (Minuti: 9824/20)</b>	
<b>ATTI LEĠIŻLATTIVI</b>	
<b>ATT</b>	<b>DOKUMENT</b>
<i>Direttiva dwar il-Finanzjament Kollettiv - Adozzjoni tal-pożizzjoni tal-Kunsill fl-ewwel qari u tad-dikjarazzjoni tar-raġunijiet tal-Kunsill</i> Pożizzjoni tal-Kunsill fl-ewwel qari bil-ħsieb tal-adozzjoni ta' Direttiva tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li temenda d-Direttiva 2014/65/UE dwar is-swieq fl-istrumenti finanzjarji	6799/1/20 REV1 + REV1 ADD1
<i>Regolament dwar il-Finanzjament Kollettiv - Adozzjoni tal-pożizzjoni tal-Kunsill fl-ewwel qari u tad-dikjarazzjoni tar-raġunijiet tal-Kunsill</i> Pożizzjoni tal-Kunsill fl-ewwel qari bil-ħsieb tal-adozzjoni ta' Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar il-fornituri ta' servizzi ta' finanzjament kollettiv Ewropej għan-negozji u li jemenda r-Regolament (UE) Nru 2017/1129 u d-Direttiva (UE) 2019/1937	6800/1/20 REV1 + REV1 ADD1
<b>ATTI MHUX LEĠIŻLATTIVI</b>	
<b>ATT</b>	<b>DOKUMENT</b>
<i>Proposta emendata għal Deċiżjoni tal-Kunsill dwar il-konklużjoni tal-Ftehim dwar it-Trasport bl-Ajru bejn l-UE u l-Istati Uniti tal-Amerka (verżjoni bil-lingwa Irlandiża)</i> Deċiżjoni tal-Kunsill dwar il-konklużjoni f'isem l-Unjoni Ewropea tal-Ftehim dwar it-Trasport bl-Ajru bejn il-Komunità Ewropea u l-Istati Membri tagħha, minn naħa waħda, u l-Istati Uniti tal-Amerka, min-naħa l-oħra	13419/16

<i>Rakkomandazzjonijiet Speċifiċi għall-Pajjiżi tal-2020</i> Rakkomandazzjonijiet tal-Kunsill dwar il-Programmi Nazzjonali ta' Riforma 2020 għal kull Stat Membru, li jagħtu Opinjonijiet tal-Kunsill dwar il-Programmi ta' Stabbiltà jew Konverġenza aġġornati	8449/5/20 REV5
<i>Semestru Ewropew 2020 – Rakkomandazzjoni dwar il-politika ekonomika taż-żona tal-euro</i> Rakkomandazzjoni tal-Kunsill tal-20 ta' Lulju 2020 dwar il-politika ekonomika taż-żona tal-euro 2020/C 243/01 <a href="#">ĠU C 243, 23.7.2020, p. 1–7</a>	6301/20
<i>Fejn bejn l-UE u ċ-Ċina dwar l-indikazzjonijiet ġeografiċi - Deċiżjoni tal-Kunsill dwar l-iffirmar</i> Deċiżjoni tal-Kunsill dwar l-iffirmar, f'isem l-Unjoni, tal-Ftehim bejn l-Unjoni Ewropea u l-Gvern tar-Repubblika tal-Poplu taċ-Ċina dwar il-kooperazzjoni b'rabta mal-indikazzjonijiet ġeografiċi u l-protezzjoni tagħhom	8356/20
<i>Ftehim bejn l-UE u ċ-Ċina - Ftehim bejn l-Unjoni Ewropea u l-Gvern tar-Repubblika tal-Poplu taċ-Ċina dwar il-kooperazzjoni b'rabta ma' indikazzjonijiet ġeografiċi u l-protezzjoni tagħhom</i> Ftehim bejn l-Unjoni Ewropea u l-Gvern tar-Repubblika tal-Poplu taċ-Ċina dwar il-kooperazzjoni b'rabta ma' indikazzjonijiet ġeografiċi u l-protezzjoni tagħhom	8361/20
<i>Deċiżjoni tal-Kunsill li tappoġġa l-Kodiċi ta' Kondotta tal-Aja u n-nonproliferazzjoni tal-missili ballistiċi fil-qafas tal-implimentazzjoni tal-Istrateġija tal-UE kontra l-Proliferazzjoni tal-Armi ta' Qerda Massiva</i> Deċiżjoni tal-Kunsill (PESK) 2020/1066 tal-20 ta' Lulju 2020 li temenda d-Deċiżjoni (PESK) 2017/2370 li tappoġġa l-Kodiċi ta' Kondotta tal-Aja u n- nonproliferazzjoni tal-missili ballistiċi fil-qafas tal-implimentazzjoni tal-Istrateġija tal-UE kontra l-Proliferazzjoni tal-Armi ta' Qerda Massiva <a href="#">ĠU L 234I, 21.7.2020, p. 1–2</a>	9172/20
<i>Miżuri restrittivi fir-rigward tal-Guinea-Bissau - rieżami</i> Miżuri restrittivi fir-rigward tal-Guinea-Bissau - rieżami	9481/20
<i>Deċiżjoni tal-Kunsill dwar il-pożizzjoni tal-UE fil-Kumitat tal-FSE Ghana-UE rigward l-adozzjoni tar-Regoli ta' Proċedura tal-Kumitat tal-FSE</i> Deċiżjoni tal-Kunsill dwar il-pożizzjoni li għandha tittieħed f'isem l-Unjoni Ewropea fil-Kumitat tal-FSE stabbilit mill-Ftehim ta' Sħubija Ekonomika interim bejn il-Ghana, minn naħa waħda, u l-Komunità Ewropea u l-Istati Membri tagħha, min-naħa l-oħra, fir-rigward tal-adozzjoni tar-Regoli ta' Proċedura tal-Kumitat tal-FSE	9207/20



<p><i>Deċiżjoni tal-Kunsill dwar il-pożizzjoni li għandha tittieħed f'isem l-Unjoni Ewropea fil-Kumitat tal-FSE stabbilit mill-Ftehim ta' Sħubija Ekonomika interim bejn il-Ghana, minn naħa waħda, u l-Komunità Ewropea u l-Istati Membri tagħha, min-naħa l-oħra, fir-rigward tal-adozzjoni tar-Regoli ta' Proċedura tal-Kumitat tal-FSE</i></p> <p>Deċiżjoni tal-Kunsill dwar il-pożizzjoni li għandha tittieħed f'isem l-Unjoni Ewropea fil-Kumitat tal-FSE stabbilit mill-Ftehim ta' Sħubija Ekonomika interim bejn il-Ghana, minn naħa waħda, u l-Komunità Ewropea u l-Istati Membri tagħha, min-naħa l-oħra, fir-rigward tal-adozzjoni tar-Regoli ta' Proċedura tal-Kumitat tal-FSE</p>	9240/20
<b>Proċedura bil-miktub konklużi fl-20 ta' Lulju 2020</b>	<b>CM 3136/20</b>
Deċiżjoni tal-Kunsill li temenda d-Direttivi (UE) 2017/2455 u (UE) 2019/1995 f'dak li jirrigwarda d-dati tat-traspożizzjoni u tal-applikazzjoni b'rispons għall-pandemija tal-COVID-19	9123/20
Regolament tal-Kunsill li jemenda r-Regolament (UE) 2017/2454 f'dak li jirrigwarda d-dati tal-applikazzjoni b'rispons għall-pandemija tal-COVID-19	9124/20
<b>Proċedura bil-miktub konklużi fl-20 ta' Lulju 2020</b>	<b>CM 3137/20</b>
Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill li jemenda r-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2019/2026 f'dak li jirrigwarda d-dati tal-applikazzjoni b'rispons għall-pandemija tal-COVID-19	9125/20
<b>Proċedura bil-miktub konklużi fit-22 ta' Lulju 2020</b>	<b>CM 3079/20</b>
Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill li temenda d-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni (UE) 2018/485 li tawtorizza lid-Danimarka tapplika miżura speċjali li tidderoga mill-Artikolu 75 tad-Direttiva 2006/112/KE dwar is-sistema komuni ta' taxxa fuq il-valur miżjud	9214/20
<b>Proċedura bil-miktub konklużi fl-24 ta' Lulju 2020</b>	<b>CM 3080/20</b>
Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill li temenda d-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni (UE) 2017/784 li tawtorizza lir-Repubblika Taljana tapplika miżura speċjali ta' deroga mill-Artikoli 206 u 226 tad-Direttiva 2006/112/KE dwar is-sistema komuni ta' taxxa fuq il-valur miżjud	9209/2020 REV1
<b>Proċedura bil-miktub konklużi fl-24 ta' Lulju 2020</b>	<b>CM 3087/20</b>
Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar "Il-konformità mal-miżuri meħtieġa ta' iġjene u ta' kontroll tal-infezzjonijiet biex jiġi żgurat it-trasport kollettiv transfruntier tal-passiġġieri"	9694/20
<b>Proċedura bil-miktub konklużi fl-24 ta' Lulju 2020</b>	<b>CM 3143/20</b>
Deċiżjoni tal-Kunsill li taħtar membru tal-Qorti tal-Awdituri	9381/20

<b>Proċedura bil-miktub konklużi fl-24 ta' Lulju 2020</b>	<b>CM 3176/20</b>
Trasferiment tal-approprijazzjonijiet Nru DEC 13/2020 fit-Taqsima III - Kummissjoni - tal-baġit ġenerali għall-2020	9377/20
<b>Proċedura bil-miktub konklużi fl-24 ta' Lulju 2020</b>	<b>CM 3143/20</b>
Deċiżjoni tal-Kunsill dwar il-pożizzjoni li għandha tittieħed f'isem l-Unjoni Ewropea fil-Komitat Konġunt stabbilit skont il-Ftehim bejn il-Komunità Ewropea, minn naħa waħda, u l-Gvern tad-Danimarka u l-Gvern Lokali tal-Gżejjer Faeroe, min-naħa l-oħra, fir-rigward tal-adozzjoni ta' emendi għall-Protokolli 1 u 4 tal-Ftehim	9323/20
Deċiżjoni tal-Komitat Konġunt KE/Gżejjer Faeroe li temenda l-Protokolli 1 u 4 tal-Ftehim bejn il-Komunità Ewropea, minn naħa waħda, u l-Gvern tad-Danimarka u l-Gvern Lokali tal-Gżejjer Faeroe, min-naħa l-oħra	9385/20
<b>Proċedura bil-miktub konklużi fit-28 ta' Lulju 2020</b>	<b>CM 3203/20</b>
Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill li taħtar il-Prosekuturi Ewropej tal-Uffiċċju tal-Prosekutur Pubbliku Ewropew	ST 14830/19 + REV1
<b>Proċedura bil-miktub konklużi fit-28 ta' Lulju 2020</b>	<b>CM 3185/20</b>
Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar Hong Kong	ST 9872/1/20 REV1.+ REV1 COR1
<b>Proċedura bil-miktub konklużi fit-28 ta' Lulju 2020</b>	<b>CM 3109/20</b>
Deċiżjoni tal-Kunsill dwar attivitajiet ta' sensibilizzazzjoni tal-Unjoni b'appoġġ għall-implimentazzjoni tat-Trattat dwar il-Kummerċ tal-Armi	9485/20
Deċiżjoni tal-Kunsill li taħtar ir-Rappreżentant Speċjali tal-Unjoni Ewropea fil-Kosovo	9487/20
<b>Proċedura bil-miktub konklużi fid-29 ta' Lulju 2020</b>	<b>CM 3202/20</b>
Direttiva tal-Kunsill li temenda d-Direttiva 92/83/KEE dwar l-armonizzazzjoni tal-istrutturi tat-taxxi tas-sisa fuq l-alkoħol u x-xorb alkoħoliku	9139/20

<b>Dikjarazzjonijiet mill-Kummissjoni</b>	
<p><b>Dikjarazzjoni mill-Kummissjoni rigward l-istruttura alternattiva ta' taxxi tas-sisa għall-inbid, xorb iffermentat ieħor u prodotti intermedji:</b></p> <p>"Il-ħsara relatata mal-alkoħol hija ta' tħassib kbir għas-saħħa pubblika fl-UE u filwaqt li l-Istati Membri huma prinċipalment responsabbli għall-politika nazzjonali tagħhom dwar l-alkoħol, il-Kummissjoni tinnotta li l-formulazzjoni attwali tad-Direttiva 92/83/KEE ma toffrix il-possibbiltà lill-Istati Membri li jimponu taxxi tas-sisa fuq xorb alkoħoliku speċifiku skont il-qawwa alkoħolika tiegħu.</p> <p>Fid-dawl ta' dan it-tħassib dejjem jikber ta' xi Stati Membri, il-Kummissjoni ser tanalizza l-impatti ta' dan il-metodu alternattiv bħala parti mill-ewwel rieżami tad-Direttiva."</p> <p><b>Dikjarazzjoni mill-Kummissjoni rigward l-estensjoni ta' rati mnaqqsa għall-produtturi tal-inbid (Artikolu 9a):</b></p> <p>"Il-Kummissjoni tfakkar li l-oġettivi speċifiċi tad-Direttiva jinkludu l-iżgurar ta' trattament ġust għan-negozji kollha, inkluż produtturi żgħar ta' kull tip ta' alkoħol u l-prevenzjoni u l-korrezzjoni ta' kull distorsjoni ta' kompetizzjoni fl-applikazzjoni tar-rati mnaqqsa għal dawn il-produtturi żgħar.</p> <p>Il-Kummissjoni għandha tfakkar lill-Kunsill li meta jistabbilixxi l-livell limitu għad-definizzjoni ta' produtturi żgħar ta' kwalunkwe tip ta' alkoħol, dan il-livell għandu jiġbor fih lil dawk il-produtturi li, minkejja li huma numerużi, jirrappreżentaw biss sehem żgħir ta-suq, sabiex jipprevjeni distorsjonijiet tas-suq u distorsjonijiet kummerċjali.</p> <p>Il-Kummissjoni ma taqbilx mal-introduzzjoni ta' livell limitu akbar ta' 20 000 ettolitru ta' inbid kull sena għal Malta minħabba r-riskji ta' distorsjonijiet tas-suq u distorsjonijiet kummerċjali possibbli u d-diffikultà sabiex tiġi ġustifikata din iċ-ċifra meta l-medja annwali tal-produzzjoni tal-inbid tal-UE għal kull aġenda hija ta' 70 ettolitru."</p>	
<b>Proċedura bil-miktub konklużi fit-30 ta' Lulju 2020</b>	<b>CM 3189/20</b>
Deċiżjoni tal-Kunsill li taħtar membri u membri supplenti fil-Kumitat tar-Regġuni	9600/20
<b>Proċedura bil-miktub konklużi fit-30 ta' Lulju 2020</b>	<b>CM 3199/20</b>
Deċiżjoni tal-Kunsill li taħtar żewġ membri, proposti mir-Repubblika Ellenika, fil-Kumitat tar-Regġuni	9718/20 + COR 1
<b>Proċedura bil-miktub konklużi fit-30 ta' Lulju 2020</b>	<b>CM 3226/20</b>
Rakkomandazzjoni tal-Kunsill li temenda r-Rakkomandazzjoni tal-Kunsill (UE) 2020/912 tat-30 ta' Ġunju 2020 dwar ir-restrizzjoni temporanja fuq vjaġġar mhux essenżjali lejn l-UE u t-tneħħija possibbli ta' tali restrizzjoni	9978/20

<b>Proċedura bil-miktub konklużi fil-31 ta' Lulju 2020</b>	<b>CM 3230/20</b>
Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar ir-Rapport Speċjali Nru 12/2020 tal-Qorti Ewropea tal-Awdituri: "Iċ-Ċentru Ewropew ta' Konsulenza għall-Investimenti: Tnieda biex jagħti spinta lill-investiment fl-UE, iżda l-impatt tiegħu għadu limitat"	9867/20